# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA' LULJU 2022**

**Kawza Numru: 8**

**Rik. Ġur. Nru. 722/2020 RGM**

**Ramel u Zrar Limited**
**(C-13018)**

**Vs.**

**Ashley John Galea u Laura Jean Temple**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi Ramel u Zrar Limited** ippreżentat fl-14 t'Awwissu, 2020 li permezz tiegħu wara li ppremettiet:

1. Illi l-esponenti ghandha bi proprjeta' garaxx f'livell ta' semi-basement, bla numru u bla isem, sottopost ghal mezzanin u blokk appartamenti, fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar, li l-istess esponenti zviluppat zmien ilu minflok dar, li hija kienet akkwistat b'kuntratt tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tat-13 ta' Novembru 2003.

2. Illi l-mezzanin sovrappost ghal dan il-garaxx huwa ufficjalment markat bin-numru 41, u jismu 'Moonflower', fl-istess Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar, u jappartjeni lill-konvenuti.

4. Illi madwar tlett xhur ilu, l-esponenti saret taf li kien niezel ilma tajjeb minn mas-saqaf tal-planki li hemm f'dan il-garaxx.

5. Illi meta investigat minn fejn kien gej dan l-ilma, irrizulta li dan gej mill-mezzanin tal-konvenuti, li prezentement jinsab okkupat mill-konvenuta Laura Jean Temple.

6. Illi s-saqaf tal-garaxx tal-esponenti qed izomm l-istruttura shiha tal-bini kollu li hemm fuqu, fejn hemm anke diversi familji ohra jabitaw. Dan l-inzul ta' ilma, u tixrib kontinwu fis-saqaf tal-garaxx, mhux biss qed jaghmel hsara lill-esponenti fil-garaxx taghha, imma qed jaghti lok ghal periklu car li s-saqaf jitlef mis-sahha tieghu biex jibqa' jzomm il-piz tal-bini ta' fuqu.

9. Illi l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex il-konvenuti jsewwu l-hsarat fil-mezzanin taghhom li b'rizultat taghhom hiereg dan l-ilma ghal gol-garaxx, pero' l-konvenut Ashley John Galea dejjem wiegeb li huwa jinsab zgumbrat mill-mezzanin b'ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), filwaqt li l-konvenuta baqghet qatt ma wiegbet.

7. Illi minkejja li jafu li l-ilma ghadu niezel fil-garaxx, u li qed issir hsara lis-saqaf tal-garaxx u lill-istruttura tal-binja kollha, sal-lum il-konvenuti baqghu ma sewwewx il-hsara, lanqas wara li kienu msejha jaghmlu dan b'ittra legali tat-3 ta' Gunju 2020.

8. Illi sal-lum is-saqaf tal-garaxx tal-esponenti ghadu qed jixxarrab, u f'certi hinijiet jinzel anke ilma b'mod kontinwu fil-garaxx.

9. Illi minhabba f'hekk, kellha ssir din il-kawza.

Talbet lill-Qorti,

(i) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, jew min minnhom, b'negligenza, traskuragni u/jew volontarjament, u bi ksur ta' obbligi legali, jahtu ghall-ingress ta' ilma fil-garaxx tal-esponenti, bla numru, fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar, u ghall-hsara li giet u ghadha qed tigi kagunata b'konsegwenza tal-istess;

(ii) konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, u taht id-direzzjoni u s-sorveljanza ta' perit arkitett mahtur mill-Qorti ghal dan l-iskop, jaghmlu bi spejjez taghhom ix-xoghlijiet kollha mehtiega, inkluz fil-mezzanin 41, Moonflower, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar, sabiex b'mod immedjat jitwaqqaf dan il-hrug ta' ilma ghal gol-garaxx;

(iii) tawtorizza lill-esponenti sabiex, fin-nuqqas, twettaq hi dawn ix-xoghlijiet hekk mehtiega, bi spejjez tal-konvenuti, bid-dritt ukoll li taccedi fil-mezzanin imsemmi tal-konvenuti ghal dan l-iskop u twettaq ix-xoghlijiet kull fejn mehtieg;

(iv) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti fil-garaxx taghhom b'rizultat tal-htijiet u n-nuqqasijiet tal-konvenuti, jew min minnhom;

(v) tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-esponenti d-danni kollha hekk likwidati u dovuti.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati[1] ma ppreżentawx risposta ġuramentata u għalhekk huma fi stat ta' kontumaċja;

Rat illi l-konvenuti ma resqu l-ebda talba sabiex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom;

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2020 l-Qorti innominat bħala perit tekniku lill-Perit Arkitett Elena Borg Costanzi;

Semgħat ix-xhieda tal-Perit Ian Cutajar prodott mis-soċjeta' attriċi[2] u d-dokumenti minnu eżebiti;

Rat l-affidavit tal-attriċi[3];

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Diċembru 2020, fuq talba tal-Perit Tekniku, innominat lill-Inġinier Matthew Cauchi sabiex jassisti fil-perizja;

Rat iż-żewġ relazzjonijiet tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi ppreżentati l-ewwel rappport tekniku fil-15 ta' Frar 2021[4] u t-tieni wieħed fid-9 ta' Novembru 2021;[5]

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-soċjeta' attriċi tat-28 ta' Frar 2022;[6]

Rat illi l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali għall-11 ta' April 2022;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' April 2022 deheru biss l-avukati tas-soċjeta' attriċi;

[1] Il-konvenuta ġiet notifikata fil-25 ta' Settembru 2020 ( a tergo fol 9); u l-konvenut ġie notifikat fit-13 ta' Ottubru 2020 ( a tergo fol. 21)
[2] Paġna 27 tal-proċess
[3] Paġna 54 tal-proċess
[4] Paġna 71 tal-proċess
[5] Paġna 125 tal-proċess
[6] Paġna 136 tal-proċess

Rat id-digriet tal-11 ta' April 2022 li permezz tiegħu il-Qorti ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

**Provi**

Mill-provi mressqa jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi hija sid ta' garaxx f'livell *semi-basement*, bla numru u bla isem, ġewwa Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, filwaqt li l-konvenuti huma sidien ta' mezzanin sovrappost għall-garaxx imsemmi.

Dawn iż-żewġ fondi jiffurmaw parti minn blokk konsistenti fil-garaxx u l-mezzanin imsemmija kif ukoll numru ta' appartamenti sovrastanti l-mezzanin.

Dan il-blokk ta' bini kien ġie kostruwit mis-soċjeta' attriċi fuq sit precedentement okkupat minn dar li xtrat għal żvilupp in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Pierre Falzon tat-13 ta' Novembru 2003.

**Carmel Abdilla, direttur tas-soċjeta' attriċi,** xhed[7] illi għal ħabta ta' April/Mejju tas-sena 2020 huwa kien daħal flimkien ma' agent immobiljari fil-garaxx de quo fejn innota "li kien nieżel ilma b'mod kontinwu mis-saqaf tal-garaxx, bejn wieħed u ieħor f'nofs it-tul tiegħu, u kien nieżel ilma wkoll min-naħa ta' wara." Spjega li dik kienet l-ewwel darba li ra ilma nieżel mis-saqaf ta' dak il-garaxx.

Huwa kien sab diffikulta sabiex jikkomunika mal-konvenuti peress li għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Il-konvenut qallu li ma setax jidhol fil-mezzanin u għalhekk ma setax jagħti aċċess filwaqt li l-

[7] Affidavit f'paġna 55 tal-proċess

konvenuti, għalkemm irnexxilu jkellimha, qaltlu li ma kelliex ħin għal din il-ħaġa.

Għalhekk ipproċeda bil-kawża u inkariga lill-Perit Ian Cutajar sabiex jispezzjona l-garaxx u jipprepara rapport dwar il-perkolazzjoni imsemmija. Il-Perit Cutajar kien irrilaxxja rapport tekniku fil-5 ta' Settembru 2020 kopja ta' liema tinstab eżebita f'paġna 32 tal-proċess.

**Il-Perit Ian Cutajar** xhed illi fl-4 ta' Settembru 2020. Ikkonferma r-rapport tiegħu tal-5 ta' Settembru 2020 u spjega li huwa aċċeda fil-garaxx in kwistjoni fuq inkarigu tas-soċjeta' attriċi. Spjega "....jien mill naħseb, mingħajr ma tlajt fuq fil-post, hemm ħafna ilma ġot-torba li qed jiżbroffa kullimkien ġos-saqaf." Eskluda li l-ilma seta' ġie mix-xita. Jgħid li wisq probabli hemm xi leakage minn xi pajp tal-ilma.

Is-soċjeta' attriċi ppreżentat **Structural Appraisal Report ex parte** datat 5 ta' Awissu 2021[8] ppreparat mis-soċjeta' **Solidbase Laboratory Ltd** fuq inkarigu tas-soċjeta' attriċi minn fejn jirriżultaw ir-riżultati ta' l-analiżi teknika magħmula minn din il-kumpanija b'mod partikolari dwar is-saħħa tal-planki tas-saqaf tal-garaxx u kif dawn jistgħu jiġu effettwati bl-ingress tal-ilma li qed iseħħ.

Kif rajna il-Qorti innominat bħala Perit Tekniku lill-Perit Elena Borg Costanzi illi għamlet żewġ relazzjonijiet.

L-ewwl waħda fuq inkarigu sabiex tikkonstata l-ingress ta' l-ilma allegat kif ukoll tirrakkomanda rimedji bil-ħsieb li jekk qed issir ħsara ma tkompliex tikber pendenti s-smiegħ tal-kawża

F'dan ir-rigward il-Perit Tekniku ppreżentat rapport interim fil-15 ta' Frar 2021fejn għamlet il-konstatazzjonijiet tagħha wara li żammet aċċess fil-

[8] Paġna 111 tal-proċess

mezzanin u l-garaxx in kwistjoni u elenkat x'kien meħtieġ sabiex jiġi identifikat is-sors tal-problema u jiġu identifikati r-rimedji meħtieġa.

Fid-9 ta' Novembru 2021 il-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi ppreżentat it-tieni u l-aħħar relazzjoni tagħha li opportun tiġi hawn riprodotta:

Minn dan ir-rapport jirriżulta illi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Tekniku bl-assistenza tal-Inġinier Matthew Cauchi il-konvenuti għamlu x-xogholijiet rimedjalil li kienu meħtieġa sabiex waqfet il-perkolazzjoni tal-ilma mill-mezzanin għal garaxx sottostanti.

Tikkonkludi hekk il-Perit Tekniku:

"05. Għaldaqstant, wara li nzammu l-accessi fit-3 ta' Mejju 2021 u fil-15 ta' Settembru 2021, dejjem fil-presenza tal-partijiet, l-esponenti setghet tikkonkludi illi l-ftit umdita' illi kien ghad fadal fis-saqaf bejn il-mezzanin u l-garaxx kien fil-fatt hafna nqas minn dak li gie kkonstatat fl-ewwe access f'Mejju 2021 u ma hemmx htiegai illi jergghu jsiru monitoraff jew testijiet ohrajn jew inkella inqalghu xi madum."

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha s-soċjeta' attriċi turi li taqbel mal-konkluzzjonijet peritali illi bix-xogħolijiet magħmula mill-konvenuti jew min minnhom fil-mori tal-kawża, ma hemmx bżonn ta' aktar interventi rimedjali.

Tinsisti pero' s-soċjeta' attriċi illi għalkemm il-mertu tat-talbiet attriċi prinċipali jinsab illum eżawrit minħabba li x-xogholijiet rimedjali saru fil-mori tal-kawża, hija titlob illi l-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni konsegwenzjali li sofriet is-soċjeta' attriċi sakemm din il-kwistjoni ġiet riżolta bil-mod kif fuq spjegat.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif rajna, il-mertu prinċipali tal-kawża, il-perkolazzjoni tal-ilma mill-mezzanin tal-konvenuti għall-garaxx sottostanti tas-soċjeta' attrċi, llum jinsab eżawrit għaliex il-konvenuti jew min minnhom, wara li saret l-ewwel relazzjoni peritali tal-Perit Tekniku, għamlu x-xogħolijiet rimedjali meħtieġa.

Il-konvenuti naqsu milli jikkontestaw il-kawża u naqsu wkoll milli jippreżentaw is-sottomissjonijiet finali tagħhom nonostante li ingħataw kull opportunita' li jagħmlu dan.

Peress illi l-kontumaċja ma hiex ammissjoni iżda għandha titqies mill-qorti bħala kontestazzjoni, opportun li jiġu magħmula s-segwenti konsiderazzjonijiet sew fir-rigward tal-kontumaċja tal-konvenuti kif ukoll dwar l-elementi tal-azzjoni attriċi:

1. Il-kontumaċja m'għandiex titqies bħala ammissjoni tat-talbiet attriċi iżda għandha titqies bħala kontestazzjoni tagħhom. L-emendi li saru fl-Artikolu 158 tal-Kap. 12 permezz tal-Att XXIV tal-1995 fejn *inter alia* l-konvenut kontumaċi ingħata d-dritt li qabel ma l-qorti tgħaddi għas-sentenza jippreżenta nota' ta' sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talbiet attriċi hija konferma li l-kontumaċja tal-konvenut ma tista' qatt tiġi meqjusa bħala ammissjoni tat-talbiet attriċi. (**Bank of Valletta plc vs Delta Developments Co. Ltd** - Prim' Awla - 10 ta' Mejju 001);

2. Ill-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib (**Artikolu 559 tal-Kap. 13**)

3. L-obbligu fuq l-attur jibqa' dejjem li jressaq l-aħjar prova disponibbli, irrispettivament jekk il-konvenut hux kontumaċi jew le. (**Charles Bartolo vs Theresa Bartolo** - Qorti tal-Appell - 28 ta' April 2017);

4. Għalhekk f'każ ta' allegazzjoni ta' infiltrazzjoni ta' ilma huwa l-attur li jrid jipprova illi l-ilma li qed jipperkola fil-fond tiegħu ġej mill-fond tal-konvenut u mhux li l-konvenut jipprova li l-ilma li qed jipperkola fil-fond tal-attur mhux ġej mil-fond tiegħu, u dan in linea mal-massima legali ben assodata fil-ġurisprduenza tagħna illi *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kwindi dejjem jispetta lill-atturi jipprovaw dak li kienu qeghdin jallegaw fil-konfront tal-konvenuti. (**Felix Mifsud et vs Tonio Cuschieri et.** - Qorti tal-Appell - 16 ta' Diċembru 2019);

5. L-azzjoni attriċi jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza.( **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd** - Qorti tal-Appell (Inf) - 23 ta' Ottubru 2009)

6. L-obbligazzjonijiet li mhumiex ġejjin mis-setgħa biss tal-liġi, jitnisslu minn kuntratti, kważi-kuntratti, delitti, jew kważi-delitti (**Artikolu 959 – Kodiċi Ċivili**)

7. Min iwettaq ħsara lill-ħaddieħor għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (**Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili**.)

8. F'każijiet simili l-leġittimu kontradittur mhux neċessarjament min huwa s-sid tal-fond li minnu jkun ġej l-ilma danneġjanti iżda jikwalifika wkoll bħala leġittimu kontradittur min kellu l-pussess materjali u esklussiv tal-fond li minnu jkun qed jipperkola l-ilma u jiġi ppruvat li ma għamel xejn sabiex iwaqqaf id-dannu subit mill-attur. (**Franki Refalo vs Jason Azzopardi et**. - Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru 2001; **Joseph Licari vs Emanuel Deguara et**. - Prim' Awla - 14 ta' Ottubru 2014).

Eżaminati l-liġi u l-ġurisprudenza applikabbli imiss issa li naraw jekk is-soċjeta' attriċi seħħiliex tipprova l-allegazzjonijiet tagħha fil-konfront tal-konvenuti.

L-azzjoni għad-danni tmiss dejjem lil min ikun sofra dawk id-danni sakemm tali dritt ta' azzjoni ma jkunx ġie surrogat a favur terz.[9]

Fil-każ odjern id-danni ġew sofferti minn sid il-garaxx. Is-soċjeta' attriċi ippruvat li hija sid dan il-garaxx billi eżebit kopja tal-kuntratt tal-akkwist tat-13 ta' Novembru 2003 li permezz tiegħu xtrat fond immobiljari għal żvilupp. Xhed ukoll ir-rappreżenant tas-soċjeta' attriċi illi spjega kif wara li nxtara dak l-immobbli, twaqqgħet id-dar li kien hemm u fuq is-sit ġie kostruwit il-blokk bini li jinkludi l-ġaraxx tas-soċjeta' attriċi u l-mezzanin tal-konvenuti.

Dwar il-posizzjoni tal-konvenuti, ġie ppruvat sodisfaċentement illi l-konvenuti għandhom il-pussess tal-mezzanin sovrappost għall-garaxx tal-attriċi. Huwa minnu li l-attriċi ma resqitx prova dwar min huwa s-sid tal-mezzanin, pero' fil-fehma tal-Qorti tali prova ma kenitx meħtieġa. Kien suiffiċjenti l-prova li l-konvenuti għandhom il-pussess esklussiv tal-mezzanin.

Gaetano Abdilla, direttur tas-soċjeta' attriċi, xhed kif meta huwa skopra l-problema tal-perkolazzjoni tal-ilma għal ġol-garaxx de quo, huwa kien kellem sew lill-konvenut kif ukoll lill-konvenuta. Ħadd minnhom ma qallu li ma kellhomx x'jaqsmu. Il-konvenut laqa' għal dak li qallu Gaetano Abdilla billi spjegalu li b'ordni tal-Qorti tal-Familja ma setax jersaq lejn il-mezzanin, id-dar tal-familja tiegħu; filwaqt li l-konvenuta li kienet qed toqgħod fil-mezzanin dak iż-żmien qaltlu li ma kelliex ħin għal dawn l-affarijiet.

---

[9] Artikolu 1164 tal-Kap. 16

Fir-rapport tagħha tal-15 ta' Frar 2021 il-Perit Tekniku spjegat illi hija flimkien mal-Inġinier Cauchi żammet aċċess fl-20 ta' Jannar 2021 "fil-presenza tal-partijiet fejn saru diversi investigazzjonijiet".

Fir-rapport tagħha tad-9 ta' Novembru 2021 il-Perit Tekniku tispjega li hi u l-Inġinier Cauchi żammew diversi aċċessi u dan ifisser illi għall-mezzanin kienu qed jagħtuha aċċess il-konvenuti.

Il-Qorti tqis illi ġie ppruvat sodisfaċentement illi fiż-żmien li kienet qed isseħħ il-perkolazzjoni tal-ilma, il-pussess tal-mezzanin, li kien is-sors li minnu kien qed jipperkola l-ilma għal garaxx tal-attriċi, kien f'idejn il-konvenuti jew min minnhom esklussivament.

Ikkunsidrat;

Ġie ppruvat tista' tgħid mingħajr ebda ombra ta' dubju illi kellha raġun is-soċjeta' attriċi tintavola l-kawża odjerna għaliex minn kif ġie konkluż mill-Perit Tekniku, l-ilma li kien qed jipperkola fil-garaxx tal-attriċi kien ġej mill-mezzanin tal-konvenuti u minn ebda sors ieħor.

Ġie ppruvat għalhekk illi fil-jum li ġiet intavolata l-kawża il-premessi u t-talbiet attriċi kienu fondati.

Kif rajna aktar 'il fuq, ġie issa ċertifikat mill-Perit Tekniku illi fil-mori tal-kawża l-konvenuti għamlu x-xogħolijiet rimedjali kollha li kien hemm bżonn min-naħa tagħhom u l-perkolazzjoni tal-ilma waqfet kompletament.

Isegwi għalhekk illi l-mertu tal-ewwel, it-tieni, u t-tielet talba attriċi jinsab illum eżawrit minħabba li kif ġie kkonstatat fil-mori tal-kawża l-konvenuti għamlu x-xogħolijiet meħtieġa fil-mezzanin tagħhom sabiex tieqaf il-perkolazzjoni tal-ilma.

Jifdal biss jiġu kkonsidrati d-danni reklamati mis-soċjeta' attriċi.

**Danni Sofferti mis-Soċjeta' Attriċi**.

Id-danni li s-soċjeta' attriċi qed tippretendi mingħand il-konvenuti huma s-segwenti:

1) L-ispejjeż tal-kawża inkluż l-ispejjeż tal-periti tekniċi nominati mill-Qorti;
2) L-ispejjeż tal-Perit ex parte l-Perit Ian Cutajar - erba' mija u tnejn u sebgħin ewro (€472)[10];
3) L-ispejjez tar-rapport strutturali tekniku ex parte minn SolidBase Laboratory Ltd - elf, mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,189.44)[11];

Il-Qorti tqis illi tenut kont li ġie ppruvat sodisfaċentement illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti huma fondati, id-danni reklamati mis-soċjeta' attriċi jikwalifikaw bħala danni konsegwenzjali bi ħtija tal-konvenuti ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili.

Konsegwentement tqis illi għad-danni imsemmija għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-konvenuti;

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, tiddikjara illi b'negligenza u traskuraġni l-konvenuti jaħtu għall-ingress ta' ilma fil-garaxx tas-soċjeta' attriċi bla numru fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar u għall-ħsara konsegwenzjali kaġuntata;

---

[10] Paġna 140 tal-proċess
[11] Paġna 121 tal-proċess

2. Tiddikjara illi l-mertu tat-tieni u tat-tielet talba attriċi jinsab illum eżawrit peress li fil-mori tal-kawża l-konvenuti jew min minnhom għamlu x-xogħolijiet li kien hemm bżonn sabiex waqaf l-ingress tal-ilma imsemmi; u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet talba attriċi;

3. Tilqa r-raba' talba attriċi, tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi fis-somma €1661.44;

4. Tilqa' l-ħames talba attriċi, tikkundanna *in solidum* lill-konvenuti iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma hekk likwidata ta' €1,661.44;

Bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
7 ta' Lulju 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**